MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 38/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Andrew George Stone**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andrew George Stone (li tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali flimkien ma' James Vella u Mark Xerri) talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-18 ta' Marzu u d-19 ta' Marzu, 2001 u f'dawn l-ahhar tliet xhur qabel din id-data, gewwa ta' Zwejt, limiti ta' San Gwann, u partijiet ohra ta' dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet

skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andrew George Stone hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta’ mitejn liri (Lm200) Maltin u ghall-hlas ta' terz ta’ l-ispejjez ta’ l-esperti. Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga taht id-direzzjoni ta’ l-ispizjar Mario Mifsud;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Andrew George Stone minnu prezentat fid-9 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tirrevoka u thassar is-sentenza appellata in kwantu permezz taghha l-appellant gie misjub hati u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, jew (2) sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba ta’ l-appellant, filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha huwa gie misjub hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontrih, timmodifika l-kundanna ta’ l-ewwel Qorti ghal multa ta’ mitejn liri Maltin billi tapplika disposizzjoni tal-ligi li tkun aktar kompatibbli mac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet id-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appell kif intavolat jirrikjedi ezami u revizjoni tal--apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u

sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament"**

Fil-kaz in ezami x-xhud principali tal-prosekuzzjoni kien Lance Bombardier Christian Stafrace li xehed li waqt li kien qieghed isir *road-block* fl-inhawi taz-Zwejt fit-18 ta'

Marzu 2001 huwa ra lill-appellant jitfa' kaxxa tas-sulfarini minn gol-karrozza li kien riekeb fiha l-istess appellant u liema kaxxa rrizulta li kien fiha disa' pilloli *ecstasy*.

Mill-banda l-ohra hemm ic-cahda ta' l-appellant li rema xi haga u li qatt ha droga, kif ukoll ix-xiehda ta' James Vella (ix-xufier tal-karrozza) u ta' Mark Scerri (passiggier fuq wara) li wkoll ighidu li hadd ma rema xejn u li la huma u lanqas shabhom qatt ma hadu droga.

L-ewwel Qorti, li kellha l-vantagg li tara u tisma' x-xhieda kollha, waslet ghall-konkluzjoni li kellha taghti affidament ghall-verzjoni tal-prosekuzzjoni, ossia ghal dak li qal ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni. Fil-fatt hemm element ta' korroborazzjoni ta' dik ix-xiehda mis-Surgent Brian Gatt li kkonferma li kien il-Lance Bombardier Stafrace (dak iz-zmien Gunner) li dakinhar infurmah minn fuq ir-radio li xi hadd mill-karrozza fejn kien l-appellant kien rema' oggett u mill-appellant stess li fix-xiehda tieghu jaghmel referenza ghall-fatt li meta hu u shabu gew mitlubin jinzlu mill-karrozza, wiehed mis-suldati qallu li kien hemm suldat li nfurmah permezz tal-*walkie talkie* li kien rahom iwaddbu xi haga minn gol-karrozza.

Minn ezami approfondit li din il-Qorti ghamlet tal-provi hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant. Apparti l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti tirrileva li huwa maghruf li meta jkun qed isir *road-block* mill-Forzi Armati, dejjem ikun hemm *observation point* qabel ma vettura fil-fatt titwaqqaf fir-*road-block*. L-iskop ta' dan huwa ovvju: biex jigi osservat jekk tintremiex xi haga minn go vettura li tkun qed tavvicina r-*road-block*. Jidher illi l-imsemmi Lance Bombardier Stafrace kien qieghed f'tali *observation point* u ghalhekk f'pozizzjoni tajba biex jara mhux biss jekk jintremiex xi oggett mill-karrozzi izda anke min ikun rema dak l-oggett.

Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa respint.

L-appellant qieghed jappella wkoll fuq il-piena. Ighid fir-rikors ta' appell tieghu li, tenut kont tal-fedina penali "kwazi intatta" tieghu u l-eta` li kellu fiz-zmien in kwistjoni, il-piena inflitta ghandha tigi sostitwita bl-applikazzjoni tal-liberazzjoni kondizzjonali.

Il-principju regolatur hu li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat. Fil-kaz in ezami, meta wiehed iqis in-numru ta' pilloli *ecstasy* involut, li l-appellant kien diga` maggorenni ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (kien ghad baqaghlu ftit aktar minn xahrejn biex jaghlaq id-dsatax-il sena), u li l-multa inflitta mill-ewwel Qorti kienet fil-minimu possibbli, ma tara l-ebda raguni biex tvarja dik il-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------